QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA
ONOR IMĦALLEF ANNA FELICE

Illum it-Tnejn 3 ta' Frar 2025

Rikors Ġuramentat Nru: 1177/2024 AF

Fl-Atti tal-Kontro Mandat ta' Sekwestru Nru 1677/2024 AF
Wara l-Mandat ta' Sekwestru Nru 1610/2024 AF

S&L Delia Developments Limited,
Stephen Delia u Christian Delia

vs

Neil Galea Demarco f'ismu proprju u għan-nom u in rappreżentanza tal-Condominium Adagio ta' Adagio, Triq F.X Ebejer, Ibraġġ, Swieqi,
David Tabone u Bertha Tabone

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Neil Galea Demarco f'ismu proprju u għan-nom u in rappreżentanza tal-Condominium Adiago ta' Adiago, Triq F.X Ebejer, Ibraġġ, Swieqi, David Tabone u Bertha Tabone li permezz tiegħu, għar-raġunijiet mogħtija ntalbet din il-Qorti:

i) Tiddikjara, ai termini tal-Artikolu 836(7) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, illi l-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju 1610/2024 inħareġ kontra l-liġi ai termini tal-Artikoli 836(1)(b), 836(1)(d) u 836(1)(f) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta.

ii) Konsegwentement, tordna r-radd tal-garanzija depożitata permezz ta’ ċedola numru 2140/2024 fis-somma ta’ €120,000 lura lis-sekwestrati esponenti.

iii) Alternattivament, tordna t-tnaqqis tal-ammont ta-garanzija hekk depożitata permezz taċ-ċedika numru 2140/2024.

iv) Tikkundanna lis-sekwestranti sabiex ai termini tal-Artikolu 836(8)(d) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta tħallas il-penali lill-esponenti.

Bl-ispejjeż kontra s-sekwestranti.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ta’ S&L Delia Developments Limited, Stephen Delia u Christian Delia li għar-raġunijiet mogħtija fl-istess tweġiba, wieġbu li tali revoka għandha tiġi miċħuda.

Semgħet lid-difensuri jittrattaw ir-rikors li tħalla sabiex jiġi degretat in camera.

Rat l-Art. 836(7).

Ikkunsidrat illi r-rikors odjern isegwi sensiela ta’ mandati maħruġa mill-partijiet reċiprokament in segwitu` għal tilwima dwar xogħol ta’ kostruzzjoni *finishin* ta’ proprjeta`. Il-mandat mertu ta’ din il-proċedura diġa` ġie mħassar wara li saret garanzija permezz ta’ ċedola taħt l-awtorita` tal-Qorti.

Illum stess, din il-Qorti kif presjeduta qiegħda tordna r-revoka ta’ mandat kawtelatorju maħruġ mill-istess sekwestranti S&L Delia et. Il-Qorti f’dak id-digriet għamlet il-konsiderazzjonijiet sħaħ tagħha u għalihom issa tagħmel pjena referenza. Kull ma rriteniet il-Qorti f’dak id-digriet huwa meqjus li jgħodd hawn.

Il-Qorti, f’dik il-proċedura waslet għall-konklużjoni illi l-mandat 1978/2024 m’huwiex ġustifikat. L-istess qegħda tagħmel f’dan il-mandat.

Jidher mad-daqqa t’għajn li l-mandati li minnhom tilmenta S&L Delia Developments ma kienux għajr l-eżerċizzju ta’ dritt mogħti bil-liġi lil Neil Galea Demarco u l-oħrajn biex jikkawtelaw jedd tagħhom. Ma jirriżultax lil din il-Qorti li l-jedd intuża abbużivament. Il-Qorti ttenni tirreferi għall-Art. 1030 tal-Kodiċi Ċivili.

F'dawn iċ-ċirkostanzi l-Qorti tilqa' t-talbiet ta' Neil Galea Demarco f'ismu proprju u għan-nom u in rappreżentanza tal-Condominium Adiago ta' Adiago, Triq F.X Ebejer, Ibraġġ, Swieqi, David Tabone u Bertha Tabone fis-sens illi:

1. tiddikjara li l-mandat 1610/2024 m'huwiex ġustifikat.

2. tilqa' t-tieni talba u tordna r-radd lura tal-garanzija depożitata permezz ta' ċedola 2140/2024.

3. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tielet talba ġialadarba qegħdin jintlaqgħu l-ewwel żewġ talbiet.

4. Il-Qorti tiċħad ir-raba' talba.

L-ispejjeż jibqgħu riżervati għall-ġudizzju finali fil-kawża fil-mertu.

IMĦALLEF

Deputat Reġistratur